Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 136/2015

Il-Pulizija

Vs

Georgina Theuma

Illum 2 ta' Dicembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Georgina Theuma, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru: 306178M akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminjiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur mit-13 ta' Ottubru, 2013 sa Mejju, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbuta b'kultratt naqset li taghti lil Jason Camilleri u/jew lil ulieda is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti Wara li rat l-Artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja u kkundannata xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Georgina Theuma, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitha hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni, hitja u piena, jew in subsidum, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront taghha, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' xahar prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Georgina Theuma huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok, il-fatti m'humiex dawk prospettati mill-prosekuzjoni u dan ghaliex tul id-deposzizzjoni tal-istess Jason Camilleri, il-parte civile naqas milli jindika b'korrettezza x-xhud indikati fl-imputazzjoni addebitata lill-appellanta. Jigi umilment rilevat li l-appellanta naqset milli tottempra ruha ma hlas ta' manteniment ghal diversi xhur. Ghalkemm huwa minnu li l-appellanta giet akkzuata ta' reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, kemm il-darba fl-istss imputazzjoni tali reat kontinwat ossia n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment jillimta' ruhu bejn ix-xhur ta' mit-13 ta' Ottubru, 2013 sa Mejju, 2014. Konsegwentement mix-xhieda tal-istess parte civile kellu effettivament jirrizulta b'mod car lin-nuqqas da part ital-appellanta li thallas tali manteniment kien effettivament jirreferi ghal dak il-perjodu kif indikat fl-istess akkuza migjuba kontra taghha.
   Bid-dovut rispett, f'kamp penali l-imputazzjoni kif addebitata lill-appellant trid tigi pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi u konsegwentementa il-fatt biss li x-xhud, ossia l-kwerelant, ma tax indikazzjoni ta' dati li ma jikkonformawx mal-jiem indikati fl-akkuza, ma jwassalx ghal prova sufficjenti fil-Ligi li a bazi

taghha l-appellanta kellha tinstab hatja lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak espost fil-premess, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanta hija wahda eccessiva u sproporzjonata.

   Illi l-esponenti umilment tirrileva li l-piena inflitta ma tawgurax tajjeb partikolarment f'sitwazzjoni fejn il-partijiet involuti u cioe' kemm tal-kwerelant kif ukoll tal-appellanta hija wahda fejn hemm zewgt itfal minuri involuti. Ghalkemm huwa pacifiku u ormai palezi li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax d-decizjoni tal-ewwel Qorti hlief fil-kazijiet preskritti fil-ligi, jirrizulta, izda, li s-sentencing policy fil-gurisprudenza nostrana f'kawzi simili ghal din tal-appellanta ssostitwiet pieni karcerarji effettivi ghal kundanni alternattivi ghal dawk restrittivi l-liberta tal-akkuzata. Dan anke f'sitwazzjonijiet mhux ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment izda f'cirkostanzi aktar serji.

Fil-kawza Il-Pulizija vs Stephen Azzopardi, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Mejju, 2007, din il-Qorti insenjat illi:

*'Din il-Qorti pero' rriflettiet fit-tul fuq jekk il-piena karcerarja effettiva erogata mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz, fejn l-appellant u omm ibnu ser ikollhom jibghu jiltaqghu wicc imb wicc regolarment biex jaghtu t-tifel lil xulxin, hix ser tkun wahda li tkompli tezacerba r-relazzjonijiet ta' bejnithom b' dannu psikologiku ghall-istess tifel minuri. Fic-cirkotanzi qieset li jkun fl-interess tal-partijiet kollha, mhux inqas tal-istess minuri li minnflok piena karcerarja effettiva, din tkun sospiza ghall-itwal zmien possibbli skond il-ligi, bil-ghan li l-appellant ikollu ix-xabla ta' Demokle mdendla fuq rasu biex trazznu milli jerga' johloq xi incident fil-futur fl-inkontri ma Christine Attard li bil-fors irid ikollu meta t-tifel jghaddi minn id wahda ghal id l-iehor u vice versa fil-hinijiet meta jibda' w jintemm l-access tal-appellant ghall-istess tifel minuri.'*

Illi tenut kont an premess, meta si tratta ta' reat mhux daqsekk garvi, wiehed ma jistax jifhem kif tali incident seta' qatt iwassal ghal konsegwenza daqsekk garvi ossia t-tehid u c-chada tal-liberta' tal-individwu. Hawnhekk, in-natura u x-xorta tar-reat huma ljevi, izda l-piena nflitta hija gravi. L-sitess piena

konsistenti f'xahar prigunerija bl-ebda mod ma tirreifletti n-natura u x-xorta tar-reat.

Kif diversi drabi jigi ritenut 'the punishment must fit the crime' u ghalhekk il-piena erogata mill-ewwel Qorti apparti li tmur kontra s-sentencing policies li l-Qrati ta' gudrisdizzjoni kriminali taghna komunament jadottaw, zgur li hija bl-ebda mod riflessa fil-kaz odjern.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq premess l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta mhux l-artikolu korrett li kellha ssir referenza ghaliha fl-akkuza odjerna u dan peress li z-zwieg ma jissusisstix bejn il-partijiet, element fundamentali rikjest fl-artikolu 338(z).

Fil-kawza il-Pulizija vs David Scerri, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru, 2003, din l-Onorabbli Qorti insenjat illi:

*Koncepibbilment setgha jigi nvokat l-artikolu 338 (y) tal-Kap.9, li kien gie introdott bl-ATT XXI tal-1993 u li jghid :-*

*"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min –*

*(y) bhala genitur ihalli lill-uliedu fil-bzonn , jew bhala parti fiz-zwieg thalli l-parti l-ohra fil-bzonn , minhabba hajja bla qies jew nuqqas ta' kont ghax-xoghol "*

*(…)*

*Issa filwaqt li d-dispozizzjoni l-gdida ma ssemmiex aktar lil kap tal-familja – li necessarjament jimplika stat ta' zwieg – u ssemmi biss persuna li "BHALA GENITUR IHALLI LILL-ULIEDU FIL-BZONN" , u dan allura jkun japplika anki fil-kaz ta' ulied naturali w mwielda barra miz-zwieg , pero' f'dan ir-reat l-element materjali tal-kontravvenzjoni jinkludi mhux il-hlas ta' manteniment ordnat minn Qorti jew miftiehem b'kuntratt , imma l-hajja bla qies jew nuqqas ta' kont ghax-xoghol. Fatti dawn li jridu jigu pruvati oltre n-nuqqas ta' manteniment , fis-sens li dejjem gie ritenut li jekk ma jigux pruvati dawn l-elementi din il-kontravvenzjoni ma tissusistix.'*

Illi di fatti jidher ampjament car li mix-xhieda tal-istess kwerelant ma giex ippruvat minn kull djubbju dettat mir-raguni li l-appellanta tghix hajja bla qies jew n-nuqqas ta' kont ghax-xoghol, element li jkellu jigi pruvat ksond l-artikolu 338(y).

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta ta' llum l-appellanti hallest l-ammont kollu dovut bhala manteniment ghall-periodu indikat fl-akkuza.

Rat illi l-appellanti irtirat l-ewwel u t-tielet aggravju.

Fid-dawl tal-fatt illi illi sar il-hlas inidikat, din il-Qorti tilqa' l-appell limitatament ghall-aggravju tal-piena u ghaldaqstant tikkonferma s-senetenza appellata fejn tidhol il-htija u tvarjha fil-konfront tal-piena u tillibera lill-appellanti bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur m'illum u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-appellanti bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk l-appellanti tikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur